MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 414/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Jesmond Vella, karta ta' l-identita` numru 489582(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn ix-xhur ta' Jannar 2008 sa Marzu 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Charmaine Fenech u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Jesmond Vella hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur (3) priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Jesmond Vella ppreżentat fil-21 ta' Ottubru 2014 fejn talab li din il-Qorti tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibux ħati u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda tal-*parte civile*; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "1. Illi fl-ewwel lok gia` hemm kontradizzjoni fl-affidavit tal-pulizija. L-affidavit tal-pulizija jghid illi rcevew l-kwerela datata tal-ewwel ta' April 2014 u rcevewha 19 ta' Marzu 2014; igifieri gia hemm dubju dwar l-awtenticitá tal-kwerela.
>
> "2. Illi fit-tieni lok, gie pprezentat digriet tal-Qorti Civili tal-Familja fejn jghid illi l-manteniment huwa dak miftiehem bejn il-partijiet. Dan il-ftehim bejn il-partijiet ma giex pprezentat u hawhekk hija mankanti minn prova necessarja. Ta' min jghid l-anqas l-ammont ma gie indikat fid-digriet. Hawn si tratta ta' Ligi Kriminali u l-ahjar prova trid tingieb. L-ahjar prova ma ngabitx jigifieri l-ammont tal-manteniment. Hemm indikat biss l-obbligu ta' manteniment fid-digriet li gie pprezentat pero` hija mankanti minn prova essenzjali jigifieri l-ammont u dan il-prosekuzzjoni naqset milli taghmlu.
>
> "3. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li dan huwa reat kontinwat meta l-istess xhud xehdet li fi Frar tas-sena 2014, irceviet l-ewwel pagament ta' manteniment u ilha tircievi dan il-pagament ta' manteniment minn dak iz-zmien u ghalhekk din l-akkuza hija preskritta, kemm ghal fatt li r-reat kontinwat gie interrot kif ukoll ghall-fatt li ghal dawn l-ahhar sitt (6) xhur kien qieghed jithallas il-manteniment. Skond l-artikolu 691 tal-Kodici Kriminali reat kontinwat jieqaf meta jkun hemm l-ahhar reat. Il-fuq minn sitt (6) xhur ilu l-kwerelanta rceviet manteniment u rcevietu ghal dawn l-ahhar seba' (7) u hadithu billi ssarfet ic-cheques. L-esponenti ta l-mantenimnent fi Frar 2014 bil-hsieb li jibda jhallas il-manteniment u b'hekk hallasha ghax xhur ta' Frar, 2014 il-quddiem bla waqfien. Il-kwerelanta qatt ma nfurmatu illi dan il-hlas huwa tal-arretrati. Tant hu hekk li l-kwerelanta stqarret hi stess waqt il-kawza li qatt ma baghtitlu ittra sabiex ihallas. Hija ingusta li tiddeciedi hi meta jibda jsir il-hlas aktar u aktar meta qatt ma talbitu flus. Ghandu jirrizulta ghalhekk illi jekk hemm dubbju u dan ghandu jmur favur l-

imputat u f'dan il-kaz id-dubju huwa car. L-esponenti tah il-manteniment fix-xahar ta' Frar, 2014 l-quddiem bil-hsieb specifiku li jibda jissalda l-manteniment ezistenti. Tant hu hekk illi l-esponenti beda bil-medjazzjoni fis-7 ta' Jannar 2014 fejn talab li jizdied l-access u l-ewwel manteniment inghata waqt is-seduta tal-medjazzjoni ghax-xahar ta' Frar 2014 bl-intendiment li jitkompla l-hlasijiet ta' wara li fil-fatt hekk gara.

"Illi dan beda jsir ghax it-tifel minuri kien qieghed jigi msawwat regolarment mill-omm u mill-partner taghha u f'xi hin dan it-tifel harab mid-dar taghha u mar ghand in-nanna tal-esponenti li toqghod vicin tant li llum hemm digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja illi dan it-tifel mar jghix ghand il-missier u ghalhekk l-esponenti beda ihallas il-manteniment. Huwa minnu li qiesu kien hemm ftehim informali fejn l-esponenti ma kienx ihallas manteniment u l-omm igifieri l-kwerelanta ma kinitx titolbu flus u dan ghax il-missier ma kienx jara lit-tfal. Meta beda dan l-inkwiet l-esponenti beda jiehu interess fit-tfal specjalment fit-tifel ghax kien qieghed jigi mahqur u dan ghax it-tfiel ried jara lil missieru. Kif jista' din l-Onorabbli Qorti jara car dan il-ftehim informali sehh minn Jannar 2008 sa Marzu 2014. Meta beda l-inkwiet mat-tifel il-kwerelanta rat x'ghamlet biex tpattiha lill-esponent ghax tilfet it-tifel u issa wara dawn is-snin kollha intavolat rapporti ghan-nuqqas ta' manteniment. Din il-kawza m'hi xejn hlief vendikazzjoni talli l-kwerelanta tilfet it-tifel ghand l-esponenti minhabba s-swat li kienet taghti lit-tifel minuri u ma tridx tara lill-esponenti kuntent mat-tifel u t-tifel igawdi lill-missier.

"4. Illi din hija l-ewwel darba li l-esponenti gie mressaq il-Qorti fuq akkuzi simili u gie misjub hati u hija ngusta wkoll li ghall-akkuza ta' din ix-xorta l-esponenti jehel tliet (3) xhur prigunerija meta kienet l-ghazla tal-kwerelanta li ghal diversi snin shah ma talbitx ghal manteniment. Illi l-esponenti qighed ihallas regolarment il-manteniment kif ukoll it-talba hija preskritta.

"5. Illi r-riskju tal-habs ghall-esponent huwa ferm u ferm inkwetanti. Zgur li jitlef ix-xoghol tieghu u zgur li t-tifel ikollu jerga' jmur ghand l-omm fejn zgur ser jinfacca swat u mohqrija kif gia` sofra u ghalhekk huwa importanti ghall-esponenti li ma jehilx habs anki fl-ahjar interess tal-minuri kemm sabiex jiehu hsieb il-minuri kif ukoll ghall-fatt li l-esponenti zgur jitlef ix-xoghol bil-konsegwenza li ma jkunx f'posizzjoni li jibqa' jhallas il-manteniment."

**6.** L-ewwelnett, b'referenza għall-kontradizzjoni li l-appellant jinnota fl-affidavit tal-Pulizija – fis-sens li ma jistax ikun li kwerela datata l-1 ta' April 2014 tasal għand il-Pulizija fid-19 ta' Marzu 2014 – mill-okkorrenza jidher, almenu *prima facie*, li kien hemm żewġ kwereli, waħda datata 28 ta' Frar 2014 li waslet f'idejn il-Pulizija fid-19 ta' Marzu 2014, u oħra datata l-1 ta' April 2014 li waslet f'idejn il-Pulizija fit-3 ta' April 2014. Fi kwalunkwe każ, il-*parte civile* xehdet u kkonfermat il-perijodu li fih ma sarux pagamenti ta' manteniment.

**7.** Kwantu għat-tieni aggravju fejn l-appellant jgħid illi d-digriet in kwistjoni (dak tad-19 ta' Novembru 2004) ma jindikax l-ammont ta' manteniment, din il-

Qorti tosserva li d-digriet imsemmi jipprovdi li "għandu jkompli r-retta alimentarja miftehma għall-minuri kif indika fir-rikors tiegħu stess". Jirriżulta li permezz ta' rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2004 fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja, l-appellant kien talab li dik il-Qorti takkordalu aċċess versu l-minuri Jean Paul u Mary Claire taħt kull provvediment opportun li jidhrilha xieraq l-istess Qorti. Fir-rikors l-appellant stqarr li kien qiegħed iħallas Lm40 fil-ġimgħa lil Charmaine Fenech bħala manteniment għal uliedhom. L-imsemmija Qorti akkordatlu l-aċċess u pprovdiet kif ingħad dwar il-manteniment. Il-fatt li ma semmietx l-ammont speċifikatament fid-digriet ma jfissirx li kien hemm xi nuqqas għax id-diċitura hija ċara, u cioe` li l-ammont huwa f'dak l-istess ammont li kienu ftehmu l-partijiet u li l-appellant kien indika fir-rikors tiegħu, jiġifieri Lm40 fil-ġimgħa.

**8.** Waqt sottomissjonijiet orali, id-difensur ta' l-appellant issottometta illi d-digriet imsemmi ma ġiex issanat u għalhekk ma baqax *in vigore*. B'nota tat-22 ta' Jannar 2015 l-appellant irrefera f'dar-rigward għall-artikolu 37(5) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu hu evidentement mhux applikabbli għax jittratta digriet għal manteniment qabel azzjoni għal separazzjoni – li mhux il-każ hawn fejn il-partijiet mhumiex miżżewġin.

**9.** Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jibda biex jgħid illi l-azzjoni tinsab preskritta. Issa, ir-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huwa wieħed istantaneju u mhux permanenti u jiġi kommess appena jiskadu ħmistax-il jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun seħħ. Il-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk:

> **"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min**
>
> **"...**
>
> **"(z) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma".**

**10.** Dan ma jfissirx li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantaneja ma jistgħux – anke a benefiċċju ta' l-imputat – jinġabru flimkien mill-prosekuzzjoni bħala reat kontinwat. Fil-każ tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali imbagħad ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi.

**11.** Fil-każ in eżami l-appellant qiegħed jiġi akkużat li ma ħallasx il-manteniment għall-perijodu bejn ix-xhur ta’ Jannar 2008 u Marzu 2014 “b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda”, u cioe` b’referenza għall-iskadenzi mensili kollha li jaqgħu f’dak il-perijodu. Għalhekk fil-każ in eżami, trattandosi ta’ reat kontinwat, il-kontravvenzjoni kienet tiskatta b’għeluq il-ħmistax-il jum mill-aħħar ta’ Marzu 2014. Il-pagament kellu jiġi effettwat sal-15 ta’ April 2014. Iċ-ċitazzjoni nħarġet fit-8 ta’ Settembru 2014 u l-appellant ġie notifkat fid-9 ta’ Ottubru 2014 (ara riferta a fol 3). Għalhekk l-azzjoni mhix preskritta.

**12.** Il-fatt li saru pagamenti regolari minn Frar 2014 ma jimpinġix fuq il-preskrizzjoni. Charmaine Fenech spjegat illi minn Frar 2014 l-appellant beda jeffettwa pagamenti mensili ta’ €372. Qalet li dawn qed jiġu attribwiti għall-arretrati. F’dan ma ġietx kontradetta. Dan huwa verosimili peress illi kieku ma kienx hekk, meta t-tifel mar joqgħod ma’ l-appellant f’Awwisu 2014, m’hemmx dubju li l-appellant kien jieħu passi biex inaqqas il-manteniment u mhux ikompli jħallas l-istess rata. Naturalment il-fatt li qiegħed jeffettwa dawn il-pagamenti sejjer jittieħed in konsiderazzjoni għal dik li hi piena.

**13.** Irid jingħad illi, kuntrarjament għal dak li jgħid l-appellant, mill-fedina penali tiegħu jidher, almenu *prima facie*, li kien hemm okkażjonijiet fejn instab ħati ta’ nuqqas ta’ ħlas ta’ manteniment, u dan kien b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta’ l-14 ta’ Ġunju 2005, it-18 ta’ Ottubru 2005, u l-21 ta’ Novembru 2005. Din il-Qorti mhix se tipprova tidħol fir-raġunijiet għaliex l-*parte civile* ma talbitx li jittieħdu proċeduri kontra l-appellant qabel Marzu 2014, u tissofferma fuq il-fatt li qegħdin isiru pagamenti sabiex jinqatgħu l-arretrati. Għal tali raġuni mhijiex indikata piena karċerarja.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal tliet xhur priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tmintax-il xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------